MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2011

Rikors Numru. 296/2011

**A B**
**Vs**
**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu r-rikorrenti ippremetta:

Illi l-partijiet izzewgu fis-16 ta’ April 1994 fil-knisja ta’ Sant Duminku fir-Rabat, Malta, u dana skond ma jidher mic-certifikat ta’ zwieg relattiv hawn anness u mmarkat bhala Dok A;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati sa mill-25 ta’ Lulju 2000 u dan skond kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Margaret Heywood, li kopja legali tieghu qed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok B;

Illi m'hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi illum separati ghal aktar minn hdax 'l sena, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u sahansitra ffurmaw rabtiet ma persuni ohra;

Illi m'hemm ebda manteniment dovut f'dan l-istadju stante illi ulied minn dan iz-zwieg m'hemmx u skond l-istess kuntratt ta' separazzjoni personali senjatament klawsola erbgha (4), il-partijiet iddekadew mid-dritt ta' kwalunkwe manteniment reciproku favur xulxin;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-otteniment tad-divorzju skond l-Artikolu 66 B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejnet il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-digriet taghha tat-28 ta' Ottubru, 2011;

Rat id-dokumenti li gew esebiti;

Semghet lill-partijiet jixhdu bil-gurament taghhom;

Rat illi l-kundizzjonijiet kollha mehtiega mill-Ligi ghall-ottjeniment ta' divorzju gew sodisfatti peress illi gie ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati sa mill-25 ta' Lulju 2000 ai termini ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Margaret Heywood datat 25 ta' Lulju 2000;

Rat illi irrizulta illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal u illi ai termini tal-kuntratt ta' separazzjoni il-partijiet kienu iddekkadew mid-dritt illi jircievu manteniment minghand xulxin;

Rat l-Artikoli 66 A, 66 B, 66 c u 66 D tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat illi skond kif xehdu l-istess partijiet ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti tilqa’ t-talbiet, tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------